**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 243/2014**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Pierre Grech)**

**(Spettur Victor Aquilina)**

**Vs**

**Nadia Rapinett**

Illum, 08 ta' Jannar 2020

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Nadia Rapinett, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 282776M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-gzejjer u barra minn dawn il-gzejjer fit-8 ta' Mejju, 2012, u matul l-ahhar gimghat qabel din id-data;

a. Assocjat ruhha ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-gzejjer jew barra minn dawn il-gzejjer sabiex tbiegh jew titraffika f'dawn il-gzejjer il-medicina (eroina), bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ippromwoviet, ikkostitwixxiet, organizzat jew iffinanzjat tali assocjazzjoni;
b. U aktar talli saret recidiva wara sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), wahda ta' nhar il-5 ta' Gunju, 2007, moghtija mill-Magistrat Dott. S. Demicoli LL.D., u ohra ta' nhar it-8 ta' Ottubru, 2010, moghtija mill-Magistrat Dott. A. Mizzi LL.D., liema decizjonijiet saru definittivi;

c. U aktar talli ghamlet reat waqt perijodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar it-8 ta' Ottubru, 2010, mill-Magistrat Dott. A. Mizzi LL.D., liema decizjoni saret definittiva.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta' Gunju, 2014, fejn il-Qorti sabet lill-imputata hatja wara li rat l-Artikoli 22(1), 22(1)(a), 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u lliberatha pero', mill-addebiti tar-recidiva u ta' ksur ta' sentenza sospiza in kwantu qatt ma gew pruvati.

Dwar il-piena, l-Qorti qieset illi Nadia Rapinett ghandha tibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex mhux talli ghenet fit-tieni stqarrija, mhux talli gguramentat l-istess, imma anke ppartecipat f'konsenja kkontrollata b'success tant illi giet imressqa persuna ohra b'akkuzi relatati. Qieset ukoll dak illi minn jeddha xehdet Nadia Rapinett meta telghet tiddeponi fuq il-*bail*. Il-Qorti ma tridx tiftiehem hawn li din, ghax nieqsa mill-flus, kienet gustifikata tassocja ruhha li timporta droga f'pajjizna (jew f'pajjiz iehor jekk nigu ghal dan). Ghalhekk, tenut kont ta' dak kollu espress, ikkundannatha ghal piena karcerarja effettiva ta' tlett (3) snin u ghal multa ta' elfejn ewro (€2,000).

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kkundannatha wkoll ghall-hlas tal-ispejjez peritali ammontanti ghal tmien mija, erbgha u tmenin ewro u tnax –il centezmu (€884.12).

Rat ir-rikors tal-appell ta' Nadia Rapinett, ipprezentat fis-16 ta' Gunju, 2014, fejn talbet lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitha mhux hatja u tirrevokaha ghall-kumplament u hekk tilliberaha minn kull htija u piena.

Rat l-aggravji tal-appellanti, Nadia Rapinett li huma s-segwenti w *cioe'*:-

L-Ewwel Onorabbli Qorti tat spjegazzjoni tal-elementi tar-reat ta' assocjazzjoni fil-kaz tad-droga.

Huwa dwar l-applikazzjoni ta' dawk l-elementi wkoll konfrontat mal-akkuza li kien hemm u l-fatti hemm migjuba li l-esponenti ma tistax taqbel.

Jinghad fl-ewwel lok li l-akkuza titkellem fuq assocjazzjoni bil-hsieb li tigi mportata d-droga eroina gewwa Malta. Fl-ebda mument, Nadia Rapinett ma fehmet jew ftehmet illi se ggib id-droga eroina mill-Egittu. Hija, ghal kull *buon fini*, tghid illi ssuspettat. Hi ssuspettat li kienet droga pero', ripetutament tinsisti li ma kienetx taf x'tip ta' droga kienet. La barra minn Malta u lanqas Malta hija ma fethet jew b'xi mod ezaminat il-kontenut tal-pakketti lilha moghtijin. Fil-kliem li ghamlet ma' Robert Agius qatt ma ssemmiet il-kelma eroina u inqas w inqas ma hemm prova illi sar diskors bhal dan mal-Gharbi gewwa l-Egittu.

Mela l-precizjoni tal-akkuza hija mportanti ghaliex il-fatti li jridu jirrizultaw huma skond din l-akkuza.

Issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ***'Il-Pulizija vs Pulis u Scerri'***, fejn minhabba li l-akkuza kienet titkellem fuq post u mhux iehor, ir-reat ta' stupru ma setax iregi. Hawnhekk japplika l-istess principju b'mod differenti ghaliex il-Prosekuzzjoni dejjem insistiet illi l-assocjazzjoni kienet biex timporta d-droga eroina.

Dan il-fatt ta' droga eroina, Nadia Rapinett qatt ma accettatu f'xi dikjarazzjoni li ghamlet lill-Pulizija.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi fl-uniku lanjanza minnha ventilata diretta lejn id-decizjoni appellata, l-appellanti tishaq illi l-Ewwel Qorti qatt ma setghet issibha hatja tar-reat tal-assocjazzjoni sabiex tigi importata jew ittraffikata d-droga erojina billi mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni ma jirrizultax illi l-ftehim maghmul mill-appellanti ma terzi kien jikkoncerna proprju l-importazzjoni ta' din it-tip ta' droga. Is-suspett wahdu li kellha l-appellanti illi s-sustanza li kienet giet mitluba iggorr kienet droga, wahedha ma hijiex sufficjenti sabiex tirrizulta l-assocjazzjoni kif mixlija.

Issa mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni u minn dak mistqarr mill-appellanti stess jrrizulta illi nhar it-8 ta' Mejju 2012 il-pulizija tal-iskwadra kontra d-droga erhewlha lejn l-Ajruport Internazzjonali ta Malta fuq suspetti li l-appellanti, li kienet diehla

lura Malta, setgħet kienet ser timporta xi droga illeċita f'pajjiżna. Fil-fatt hekk kif wasslet Malta, il-pulizija osservaw lil Rapinett għal ħin twil fuq it-telefon u wara madwar siegħa u nofs iddeċidew illi jwaqqfuha u jagħmlu tfittxija fuq il-persuna tagħha fejn instabu żewġ blokkok miksijin bil-plastik kontenenti sustanza ta' trab kannella cara. L-appellanti ġiet arrestata u nfetħet ukoll inkjesta maġisterjali fejn inħatru diversi esperti.

Meta giet interrogata Rapinett stqarret mal-pulizija illi kienet giet avviċinata minn persuna maskili li talabha ddaħħal xi droga hawn Malta fejn finalment hi aċċettat. Kienu miftehmin li hi titħallas €500 bil-quddiem u wara li d-droga tiġi kkonsenjata lid-destinatarju taghha hija titħallas ammont ulterjuri ta' €1000. Ghal dan il-ghan l-appellanti tistqarr li erhitilha lejn il-Kajr, gewwa l-Egittu sabiex tiltaqa' mal-għarus tagħha fejn kif waslet l-Ajruport giet avviċinata minn persuna injota ghaliha u li wara li għamel telefonata quddiemha, għaddielha pakkett suspettat droga. Tghid li żammet dan il-pakkett fil-pussess taghha tul il-vaganza tagħha u kif irritornat lura Malta jumejn qabel previst, fit-8 ta' Mejju 2012, ġiet interċettata mill-pulizija u arrestata.

Matul il-kors tal-investigazzjonijiet tal-pulizija l-appellanti iddecidiet li tassistiehom fl-istharrig taghhom. Infatti l-pulizija rċevew l-awtorizzazzjoni sabiex issir konsenja kkontrollata mill-Inkwirenti nhar id-9 ta' Mejju 2012. Rapinett kienet indikat l-persuna li kien ftiehem maghha biex timportalu d-droga, certu Robert Agius minn San Pawl il-Baħar. Fil-fatt hija ltaqghet ma' dan Agius taht ghajnejn il-pulizija gewwa San Pawl il-Bahar wara li l-pulizija kienu hejjew pakkett *decoy* u ghaddew telefon cellulari lill-appellanti sabiex tikkomunika ma' Agius. Agius, li kien passiġier ma żewġ persuni oħra ġewwa vettura tal-għamla Peugeot, ircieva dan il-pakkett minn ghand l-appellanti u ghaddielha l-flus kif kien miftiehem. Wara dan l-appellanti tat x-xiehda taghha guramentata lill-Inkwirenti. Illi finalment meta saret l-analiżi meħtieġa mill-espert maħtur mill-Qorti tas-sustanza misjuba fil-pussess tal-appellanti hareg illi din kienet komposta minn taħlita ta' kaffejina u *paracetamol* li ġieli jintużaw bħala *cutting agents* mas-sustanza erojina.

Ikkunsidrat:

Illi r-reat tal-assocjazzjoni bil-ghan li jigi kommess delitt huwa mahsub mill-legislatur mhux biss fid-disposizzjonijiet generali tal-Kodici Kriminali fl-artikolu 48A tieghu introdott permezz tal-Att III tal-2002, izda ukoll fil-ligi specjali li tirregola r-reati marbuta mat-traffikar u pussess ta' droga u specifikatament fl-artikolu 22(1)(f) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta fejn hemm dispost illi ikun hati ta' reat kull min:

> **"jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħ jew jittraffika mediċina f'Malta kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew li jippromovi, jikkostitwixxi,jorganizza jew jiffinanzja l-assoċjazzjoni."**

Din l-assocjazzjoni tibda issehh u allura r-reat ikun ikkunsmat skont l-artikolu 22(1A) hekk kif:

> **"..... jiġu kkumbinati jew miftehma l-mezzi, ikunu li jkunu, li bihom dawk il-persuni għandhom jimxu."**

Dan maghdud ghandu johrog illi l-elementi kostituttivi tar-reat ta' assocjazzjoni kontemplat fil-Kapitolu 101 huma erba u senjatament :

> **"1. iz-zmien li fih ikun sar ir-reat ;**
>
> **2. li jkun hemm mill-inqas persuna ohra, kienet minn kienet f'Malta jew barra minn Malta, li tkun involuta ,**
>
> **3. sabiex tigi traffikata d-droga; u**
>
> **4. li jkun hemm il-ftehim dwar il-mod kif din id-droga ser tigi traffikata.**
>
> **It-traffikar ghandu definizzjoni wiesgha u din tinkludi mhux tfisser kwalsiasi movement ta' droga minn id ghal id kemm versu korrispettiv kif ukoll b' mod gratuwitu.[1]"**

Indubbjament allura r-reat huwa ikkunsmat hekk kif ikun hemm il-ftehim dwar il-mezzi li ghandhom jigu adoperati ai fini biex jigi kommess id-delitt. L-Antolisei difatti ighid hekk:

> **"Trattandosi di un reato tipicamente permanente, la consumazione si protrae fino alla cessazione dello stato antiguridico, e cioe' fino a quando si verifica lo scoglimento dell'associazione."**

---

[1] Ir-Repubblika ta' Malta vs Simon Xuereb – deciza Qorti Kriminali – 05/01/2004

Ikompli ighid hekk il-gurista Antolisei:

> **"Il dolo consiste nella volonta di entrare a far parte di un'associazione, avendo lo scopo di commettere delitti .... una volta fatto ingresso nell'associazione, pero', il reato e' consumato anche per il partecipe che poi se ne dissoci, recidendo i legami con il resto del sodalizio.[2]"**

Illi l-Ewwel Qorti gustament taghmel referenza ghad-decizjoni moghtija fis-sentenza **The Republic of Malta v. John Steven Lewis Marsden**[3], fejn gie deciz:

> ***"Appellant maintains that once that the drugs that he actually brought into Malta were "fake" ecstasy pills – pills which up to that time were not prescribed by law – then under no circumstance can there be a conspiracy to import into Malta, or to traffic in, the "real" ecstasy pills, that is the ones whose chemical composition is prescribed by law. Even here appellant is simply trying to confuse issues and compound confusion. A person may be found guilty of, say, conspiracy to import heroin into Malta, even though the stuff that he eventually brings into Malta turns out to be baking powder. It all depends on what was actually agreed upon between the conspirators and, more specifically, on the object of the conspiracy. Was the object of the conspiracy "real" ecstasy or "fake" ecstasy? The Attorney General is clearly of the opinion that it was "real" ecstasy; appellant disagrees. But this is a point which has to be decided by the jury, and not at this preliminary stage either by the Criminal Court or by this Court."***
>
> ***"... evidence of a conspiracy is not necessarily or only derived by inferring it from criminal acts of the parties involved. Indeed, a conspiracy may exist even though there is no subsequent criminal activity, that is to say even though the agreement to deal in any manner in a controlled substance is not followed by some commencement of execution of the activity agreed upon. In such circumstances it is obvious that no inference can be drawn from criminal acts because there are no criminal acts subsequent to the conspiracy itself."***

*Di piu* fis-sentenza fl-ismijiet The Republic of Malta v. Steven John Caddick et deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fis-6 ta' Marzu 2003 ġie ritenut:

> ***"... Under our law the substantive crime of conspiracy to deal in a dangerous drug exists and is completed "from the moment in which any mode of action whatsoever is planned or agreed upon between" two or more persons (section 22(1A) Chapter 101). Mere intention is not enough. It is necessary that the persons taking part in the conspiracy should have devised and agreed upon the means, whatever they are, for acting, and it is not required that they or any of them should have gone on to commit any further acts towards***

---

[2] Manuale di Diritto Penale Parte Speciale II Capitolo IX – Reati Contro l'Ordine Pubblico. 149.

[3] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Superjuri fit-2 ta' Novembru 2009.

*carrying out the common design. If instead of the mere agreement to deal and agreement as to the mode of action there is a commencement of the execution of the crime intended, or such crime has been accomplished, the person or persons concerned may be charged both with conspiracy and the attempted or consummated offence of dealing, with the conspirators becoming (for the purpose of the attempted or consummated offence) co-principals or accomplices."*

Illi minn dan it-taghlim gurisprudenzjali, kuntrarjament ghal dak li tikkontendi l-appellanti fl-aggravju minnha intenta, il-prova wahedha ta' ftehim sabiex tigi importata d-droga hija wahedha sufficjenti sabiex jigi kkunsmat ir-reat. Ma hemmx il-htiega li ssir il-prova li dan il-ftehim ingieb fis-sehh, u allura lanqas ma hemm il-htiega li ssir il-prova dwar liema droga effettivament giet importatat jew ittraffikata. Kwindi l-fatt illi l-kontenut tal-pakketti li nstabu fil-pussess tal-appellanti kienu jikkonsistu f'*paracetamol* u kaffejina, sustanzi li mhumiex ikkontrollati bil-ligi ma jeskludiex r-reita' fl-appellanti.

Illi fl-istqarrija irrilaxxjata mill-appellanti fit-8 ta' Mejju 2012, mistoqsija fuq il-blokkok misjuba fuq il-persuna tagħha hi tistqarr is-segwenti:

*"D: X'affarijiet tajtha lil Pulizija?*

*R: Dawk iż-żewġ blokkok li bdejna naraw l-ewwel.*

*D: U fejn kont qed iżżommhom dawn il-blokkok?*

*R: Mal-qalziet.*

*D: U x'fihom dawk iż-żewġ blokkok?*

*R: Mhux naħseb droga!*

*D: Ma tafx x'tip ta' droga fihom?*

*R: Le jien ma nifhimx....Xi xahar ilu sabni wieħed Malti nafu u jaf li jiena nsiefer spiss. Staqsieni 'triq taqla lira' u jien għidlu 'xiex?' u qalli 'ġġib l-affarijiet minn Spanja għall-Italja, u jiena nkun miegħek'. L-affarijiet jiġifieri għad-droga, imma qatt ma semmieli xi droga hi u jiena ma nifhimx....*

*D: Inti taf li droga kellek iġġiblu lil dan il-Malta li tak €500?*

*R: Iva, imma ma nafx liema tip ta' droga. Jiena ma nieħux u ma nifhimx. U l-Ħamis li għadda sifirt. Kont ftiehmt ma dan il-Malti biex meta niġi lura, suppost il-Ħams li ġej, għax jiena għidtu hekk, għax jien kien bi ħsiebni niġi*

***llum, imma lil kulħadd għidt li se niġi l-Ħamis; inċempillu jien u ngħidlu li wasalt u kien jiġi jiġborhom hu. Naħseb li hu kien ser jiġi għalihom....”*** [4]

Wara li saret il-konsenja kkontrollata li wasslet għall-arrest ta' Robert Agius, l-appellanti tistqarr imbaghad:

***"T: ...Naf li l-persuna l-oħra jisimha Robert u mingħalija għandu laqam il-Makar imma jien dejjem b'ismu għajjatlu. Naf li għandu madwar 30 sena u lili kien jgħidli li joqgħod Birkirkara. Fil-fatt jien ilni nafu madwar sena u xi ħaġa u dan l-aħħar ġieli qalli biex immurlu Spanja biex inġiblu x-xogħol minn Spanja għall-Italja u jien irrifjutajt. Meta qed ngħid xogħol, qed nirreferi għad-droga, u meta kien ikellimni kien jgħidli xogħol li jfisser droga imma qatt ma qalli liema tip ta' droga.....Meta kien hemm kien tagħni €500 sabiex inġiblu d-droga u qalli li malli ngħaddilu d-droga, kien ser jagħtini €1000. Filfatt illum waqt li kont mal-Pulizija, malli għaddejtlu l-basket tal-karti bix-xogħol ġo fiħ, hu żamm kellmtu u tagħni €1000 f'karti ta' ħamsinijat..."***

Huwa allura indubitat minn dak mistqarr mill-appellanti stess illi hija kienet ben konxja tal-fatt illi Robert Agius kien qed jitlobha tghinu biex jimporta d-droga f'Malta, ghalkemm hija ma kenitx taf liema tip partikolari ta' droga hija kienet ser iddahhal gewwa Malta. Tant hu hekk li jidher li kien hemm okkazzjonijiet precedenti fejn huwa kien talabha taghmel l-istess haga, izda hija, ben konxja ta' dak li kien qed jigi mitlub minnha li taghmel, irrifjutat. Dawn id-dikjarazzjonijiet inkriminatorji gew ikkonfermati bil-gurament mill-appellanti quddiem l-Inkwirenti. Illi dan ifisser illi l-appellanti mhux semplici suspett kellha dwar dak li kienet giet mitluba taghmel, izda kellha certezza assoluta tant illi accettat somma flus sabiex taghmel dan. Illi allura jirrizulta ppruvat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi kien hemm ftehim fuq saqajh bejn l-appellanti u Robert Agius dwar importazzjoni ta' droga gewwa Malta fejn gie miftehem il-mezz kif din id-droga kellha tiddahhal gewwa Malta u anke il-modalita' tal-hlas li kellu jsir minn Agius favur l-appellanti ghal din il-bicca xoghol, liema ftehim ingieb fis-sehh ghalkemm is-sustanza li finalment giet impurtata irrizulta li me kenitx tikkonsisti fi droga.

Dan ifisser allura li lanqas l-aggravju migjub 'il quddiem mill-appellanti fejn tikkontendi li ghandha tigi liberata billi l-akkuza tirreferi ghal droga erojina meta ma

[4] Folio 33 u 34 et seq tal-atti proċesswali.

hemmx prova illi l-ftehim sar fuq din id-droga specifika, ma jista' iregi. Illi l-fatt wahdu li sar ftehim sabiex tigi importata sustanza illecita, tkun xi tkun, hija wahedha sufficjenti, kif inghad, sabiex jissussisti r-reat. Illi l-fatt illi l-akkuza tirreferi ghal droga specifika ma ghandhiex twassal sabiex l-appellanti tigi lliberata mill-akkuza lilha addebitat bir-reat li bih hija mixlija huwa dak tal-assocjazzjoni ai fini ta' importazzjoni ta' droga, liema reat gie ippruvat li gie kommess kif inghad.

Ikkunsidrat:

Illi jifdal biss l-aħħar gravam sottopost mill-appellanti marbut mal-piena erogata fil-konfront tagħha li fil-fehma tagħha hija waħda eċċessiva tenut kont tal-fatt illi hi assistiet lill-pulizija fl-investigazzjonijiet tagħhom tant illi bbenefikat mit-tnaqqis fil-piena ta' żewġ gradi kif dispost fl-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issa l-piena mahsuba għar-reat tal-assoċazzjoni fi traffikar jew importazzjoni tad-droga hija dik ta' "**priġunerija għal żmien mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn għaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87).**"

In oltre jidher illi l-appellanti ibbenefikat minn tnaqqis fil-piena b'żewġ gradi fejn konsegwentement il-parametri tal-piena kellhom jitnaqqsu għal dik tal-prigunerija ghal zmien bejn xahrejn u sitt snin fit-termini ta' dak li jiddisponi l-artikolu 31 tal-Kodiċi Kriminali. *Di piu* piena karċerarja effettiva flimkien ma' dik tal-multa hija wahda mandatorja billi l-artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jipprekludi l-applikazzjoni ta' piena alternattiva ghal dik tal-prigunerija fit-termini ta l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, bil-piena ma tistax tinzel taħt il-minimum skond l-artikolu 21 kif ukoll bl-eskluzjoni tal-applikazzjoni ta' Ordni fil-komunita' skond dak dispost fil-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din il-Qorti pero' hadet kont ta' fatturi ohra, fosthom:

1. il-fedina penali aġġornata tal-appellanti minn fejn jirrizulta illi ma kien hemm l-ebda infrazzjoni tal-ligi fit-termini tal-Kapitolu 101 jew 31 tal-Liġijiet ta' Malta,

2. ir-rwol zghir tagħha f'dan ic-cirku ta' traffikar fejn hija kienet semplici *drug mule* li giet sfruttata f'mument meta kienet dghajfa minhabba problemi finanzjarji, oltre ghal fatt li din kienet l-unika darba meta' hi kkomettiet reat simili.

3. it-trapass taz-zmien minn meta gie kommess r-reat lura fis-sena 2012, fejn illum l-appellanti ghandha hajja stabbli 'il boghod mill-kriminalita'.

4. illi ma giet ikkagjonata ebda hsara lis-socjeta billi s-sustanza importata ma kenitx wahda ikkontrollata bil-ligi.

Tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-appellanti għandha tibbenefika minn riduzzjoni fil-*quantum* tal-piena karċerarja applikabbli billi fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz il-piena ta' tlett snin prigunerija hija wahda li aktar tqarreb lejn il-massimu milli l-minimu taghha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell in parte, tghaddi ghalhekk biex tikkonferma s-sentenza appellata fejn din sabet lill-appellanti hatja tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tagħha, u fejn din giet illiberata mit-tieni u mit-tielet akkużi, tikkonfermaha ukoll fejn giet ikkundannata thallas l-ispejjez peritali ammontanti għal €884.12 bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9, filwaqt li tirrevokaha fejn hija giet ikkundannata ghal piena ta' tlett snin prigunerija u l-multa ta' elfejn Euro (€2000), u minflok tikundannha ghal piena ta' tmintax-il xahar prigunerija u multa ta' elf ewro (€1000).

Edwina Grima

Imhallef